## GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

### SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA, 30 TA' JANNAR, 2001

*Avviz. Nru 1172/00 AJD*

EAN Malta

vs

Cornwell Co. Limited

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Awissu, 2000, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tnejn u tletin liri Maltin (Lm132.00), rapprezentanti arretrati tal-mizata dovuta lill-istess socjeta' attrici.
Bl-imghaxijiet skond il-ligi u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 7 ta' Dicembru, 1999.

Ra r-risposta prezentata mis-socjeta' konvenuta fejn din eccepiet is-segwenti:-

Fl-ewwel lok, is-socjeta' konvernuta kienet indikat bil-miktub l-accettazzjoni taghha tal-propsta tas-socjeta' attrici illi tintghazel kategorija alternattiva mis-servizz provduti mis-socjeta' attrici, b'danilli jigi evitat il-hlas tas-somma indikata, skond kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi, ezibiti u mmarkati bhala Dok. A u Dok. B; u

Fit-tieni lok, is-servizzi offruti mis-socjeta' attrici riferibbilment ghall-ammont mitlub fit-talb aodjerna, qatt ma gew utilizzati b'ebda mod mis-socjeta' konvenuta, u ghaldaqstant ebda hlas ma huwa dovut ghall-istess, kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta' Raymond Vassallo, rapprezentant tas-socjeta' attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici u ta' Kirsten Spiteri. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ra li s-socjeta' konvenuta naqset milli tressaq provi in sostenn tal-eccezzjonijiet sollevati minnha fir-risposta taghha, u dan nonostante li nghatat diversi opportunitajiet li taghmel dan.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tnejn u tletin liri Maltin (Lm132.00) bl-imghaxijiet mis-7 ta' Dicembru, 1999, sal-pagament effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Dicembru, 1999, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR